Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 9 ta' Frar 2022
(OR. en)

5634/22
PV CONS 4

# ABBOZZ TA' MINUTI

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Affarijiet Ġenerali)

25 ta' Jannar 2022

# WERREJ

**Paġna**

1. Adozzjoni tal-aġenda ..... 3

2. Approvazzjoni ta' punti "A" ..... 3
   (a) Lista ta' attivitajiet mhux leġiżlattivi
   (b) Lista leġiżlattiva

**Attivitajiet mhux leġiżlattivi**

3. Prijoritajiet tal-Presidenza Franċiża ..... 4

**Deliberazzjonijiet leġiżlattivi**

4. Pakkett leġiżlattiv "Tisħiħ tad-Demokrazija u l-Integrità tal-Elezzjonijiet" ..... 4

5. Affarijiet oħra ..... 4

**Attivitajiet mhux leġiżlattivi**

6. Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa ..... 5

7. COVID-19: koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni Ewropea ..... 5

8. Relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit ..... 5

9. Affarijiet oħra ..... 5

ANNESS - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill ..... 6

***

**1. Adozzjoni tal-aġenda**

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 5477/22.

**2. Approvazzjoni tal-punti "A"**

**(a) Lista ta' attivitajiet mhux leġiżlattivi** 5478/22

Il-Kunsill adotta l-punti "A" elenkati fid-dokument 5478/22 inkluż id-dokumenti COR u REV ippreżentati għall-adozzjoni. Id-dikjarazzjonijiet għal dawn il-punti jinsabu fl-Addendum.

**(b) Lista leġiżlattiva** (deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea) 5479/22

Ġustizzja u Affarijiet Interni

**1. Direttiva li temenda d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/465/ĠAI fir-rigward tal-allinjament tagħha mar-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data personali** ❶C
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*
approvat mill-Coreper (Parti 2) fil-21 ta' Jannar 2022

5258/22
PE-CONS 77/21
COPEN

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikolu 16(2) TFUE)

**2. Direttiva li temenda d-Direttiva 2014/41/UE fir-rigward tal-allinjament tagħha mar-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data personali** ❶C
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*
approvat mill-Coreper (Parti 2) fil-21 ta' Jannar 2022

5259/22
PE-CONS 78/21
COPEN

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikolu 16(2) TFUE)

Saħħa

**3. Regolament dwar rwol imsaħħaħ għall-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini fit-tħejjija għall-kriżijiet u fil-maniġġar tagħhom għall-prodotti mediċinali u għall-apparati mediċi** ❶C 5439/22 +ADD 1 PE-CONS 76/21 SAN

*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*
approvat mill-Coreper (Parti 1) fid-19 ta' Jannar 2022

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikoli 114 u 168(4) TFUE)

Dikjarazzjoni mill-Ungerija tinsab fl-Anness.

**Attivitajiet mhux leġiżlattivi**

**3. Prijoritajiet tal-Presidenza Franċiża**

*Preżentazzjoni mill-Presidenza*
*Skambju ta' fehmiet*

Il-Presidenza ddeskriviet il-prijoritajiet għall-mandat tagħha, b'mod partikolari rigward il-ħidma tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali. Dan il-punt ġie indirizzat f'seduta pubblika.

**Deliberazzjonijiet leġiżlattivi**
**(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)**

**4. Pakkett leġiżlattiv "Tisħiħ tad-Demokrazija u l-Integrità tal-Elezzjonijiet"** ❶C 5172/22 + COR 1

*Dibattitu ta' orjentazzjoni*

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar il-pakkett leġiżlattiv.

**5. Affarijiet oħra**

Ma tqajjem ebda punt taħt din l-intestatura.

## **Attivitajiet mhux leġiżlattivi**

6. Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa
*Informazzjoni mill-Presidenza*
*Skambju ta' fehmiet*

7. COVID-19: koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni Ewropea
*Sitwazzjoni attwali*

8. Relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit
*Sitwazzjoni attwali*

9. Affarijiet oħra

---

❶ L-ewwel qari

Ⓒ Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

[3] Dibattitu pubbliku (Artikolu 8(3) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)

**Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" leġiżlattivi li jinsabu fid-dokument 5479/22**

| | |
|---|---|
| **Dwar il-punt "A" nru 3:** | **Regolament dwar rwol imsaħħaħ għall-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini fit-tħejjija għall-kriżijiet u fil-maniġġar tagħhom għall-prodotti mediċinali u għall-apparati mediċi**<br>*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv* |

**DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA**

"L-Ungerija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija, u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. Barra minn hekk, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala valur fundamentali. F'konformità ma' dawn u mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta l-kunċett ta' "ġeneru" bħala referenza għal "sess", fir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar rwol imsaħħaħ għall-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini fit-tħejjija għall-kriżijiet u fil-maniġġar tagħhom għall-prodotti mediċinali u għall-apparati mediċi."